Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,544, 28 ta' Novembru, 1997
Taqsima B

A.L. 201 ta' l-1997

ATT DWAR ĦWEJJEĠ TA' L-IKEL, MEDIĊINALI U ILMA TAX-XORB (KAP. 231)

Regolamenti ta' l-1997 li jemendaw ir-Regolamenti dwar it-Tikkettjar u l-Preżentazzjoni ta' Ħwejjeġ ta' l-Ikel

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 ta' l-Att dwar Ħwejjeġ ta' l-Ikel, Mediċinali u Ilma tax-Xorb, il-Ministru tas-Saħħa, Kura ta' l-Anzjani u Affarijiet tal-Familja, fuq parir tal-Awtorità ta' Malta għall-Għemil ta' *Standards*, għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1997 li jemendaw ir-Regolamenti dwar it-Tikkettjar u l-Preżentazzjoni ta' Ħwejjeġ ta' l-Ikel, u għandhom jinqraw u jinftehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1992 dwar it-Tikkettjar u l-Preżentazzjoni ta' Ħwejjeġ ta' l-Ikel, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 65 ta' l-1992.

Jemenda r-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fil-paragrafu 10.1 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "b'wieħed mill-ilsna uffiċċjali ta' Malta," għandhom jidħlu l-kliem "bil-Malti, jew bl-Ingliż, jew bit-Taljan,".